10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 11**

**6 ta' Novembru 2024**

Il-laqgħa b'urġenza numru 11 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar is-6 ta' Novembru 2024 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Stephen Sultana

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3**):

Ħadd

**ASSENTI:**

Is-Sa Roberta Sultana

Is-Sur Darren Grech

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Naomi Baldacchino — Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri tal-apoloġija

## 2 Komunikazzjoni mis-sindku

Is-Sindku spjega rigward l-andament ta' kif ser tiġi mqassma l-laqgħa urġenti rigward is-siġar madwar l-area tal-Palazz l-Aħmar. Is-Sindku spjega li wara konsultazzjoni mal-esperti tal-kunsill, kif ukoll tal-iskola waslu għal konklużjoni li jinqalaw biss 3 siġriet. Ma saritx konsultazzjoni mar-residenti għal raġuni waħda li hija kienet deċiżjoni ta' periklu. Saret site visit sabiex jiġu imsemmija l-problemi fil-preżenza tal-Kunsilliera Roberta Sultana. Ġie propost ix-xogħol skedat għal 4/11/24 sabiex ir-residenti jkollom ċans jikkonsultaw u jressqu l-ilmenti u tħassib tagħhom. Is-Sindku hawnhekk talab għal sospensjoni tal-laqgħa sabiex jagħti ċans lir-residenti jitkellmu.

Il-viċi sindku jitkellem li din l-issue tmur lura għal bosta leġislaturi. Huwa qal li hekk l-iskola tagħmel il-manutenzjoni neċessarja dan l-imsemmi periklu ma jibqax. Huwa jisħaq li dan ma jsirx għax ma jridux li tintrefa ir-responsabilta finanzjarja li dan ix-xogħol iġib miegħu. Il-Kunsillier Silvio Vella jgħid li deċiżjoni kienet li hekk jinqalgħu dawn it-3 siġriet jitħawlu 3 oħra flokhom.

Il-Kunsillier responsabbli mill-ambjent Karl Carabott jintervjeni sabiex jgħati rendikont rigward il-proċess kollu kif kien. Is-sindku għaddielu rapprt ta' dawn is-siġar fil-bidu tal-leġislatura. Dan ir-rapport jgħid li jridu jinqalagħu 10 siġriet. Huwa ma kienx kuntent b'dan u għaldaqstant bagħat email lil NGOs ambjentali fosthom Din l-Ħelwa, Graffiti, u Friends of the

Earth. Huwa talab lil perit tal-Kunsill jagħmel rapport huwa ukoll sabiex ikun hemm oppinjoni oħra. Huwa semma ukoll li l-ġardinar li qal li 3 biss kienu qed jagħmlu l hsara u mhux 10. Hawnhekk is-sindku jissospendi il-laqgħa.

Il-Kunsillier Carabott semma recording minn laqgħa preċedenti.

Residenta qalet li surmast qa li ma riedx jieħu iktar mill-art tal-iskola. Fuq issue ta 15 il-sena ilu fuq bankina. Hija tisħaq li skond ir-rapport tal-perit tal-kunsill, huwa tefa' ir-responsabilta fuq il-kunsill hekk is-siġar jinqatgġħux jew le.

Residenta oħra qalet li trid li jsir maintenance min naħa tal-iskola u irid isir rapport ta' civil engineer u mhux il-ġardinar għax dan mhux kompitu tiegħu. Studju xjentifiku ma sarx lanqas. Resident qal li dan huwa barter. Resident ieħor jgħid li responsabilta għandu joħoda l headmaster. Huwa jaqbel li hemm problema ta' parking pero jekk dan il-parking qed joħloq problema minħaba toqol tal-karozzi m'għandomx jinqalgħu is-siġar.

Resident ieħor jgħid li l-ħajt huwa l-problema mhux is-siġar. Filwaqt li resident iehor isostni li l planning authority għanda skemi apposta ghal manutenzjonijiet simili. Residenta ohra issemma leħina rigward l-inkwiet tagħha rigward l bejtiet u l-għasafar li kienu ser jittiħdulhom id-dar tagħhom, gamiem, pippistrelli.

Is-sindku jistieden lir-residenti preżenti sabiex iresqu lejn il kunsill nies tal-fiduċja tagħhom li huma professjonisti fix-xogħol tagħhom sabiex issir konsultazzjoni ċara bejn l-istakeholders kollha. Residenta oħra qalet li qatt ma sar manutenzzjoni man-naħa tal-ħajt ta' l-iskola minn ġewwa. Tqajjmet ukoll il-problema tal-gas li huwa miżmum taħt l-iskola.

Fuq proposta tal-viċi sindku, is-sindku qal biex tintbagħat ittra lir-resident sabiex ikunu jafu min ser ikunu dawn ir-rappreżentanti.

Hawnekk ir resident ħargu mill kamra.

Is-sindku jgħid li nistennew min ħa jkunu ir-raprezentanti tat-triq u li ser tintbagħat ittra. Il-vici jgħid li l-issue kardinali hija li l iskola dejjem riedu jifrankaw il-maintenance costs. Silvio jgħid li ma jridx li jweġġgħu nies bis-siġar u għandu jintneħħa l-periklu.

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-18.10hrs

Iffirmat

Gianluca Falzon

Sindku

Iffirmat

Naomi Baldacchino

Deputat Segretarju Eżekuttiv